MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 35/1992/2

Anthony Vella u John Xerri,
Fil-kwalita' taghhom ta' Diretturi u
In rappreżentanza tal-Kumpanija
"Gozitano Marketing Company Limited".

vs

Joseph Psaila Manche
Fil-kwalita' tiegħu ta' Direttur u in
Rappreżentanza tal-kumpanija
"J. Psaila Manche and Son Limited",
U b'nota tat-22 ta' Ottubru, 1992,
Vincent Hamsworth assuma l-atti tal-kawża
Għan-nom u in rappreżentanza tal-Kumpanija
"J. Psaila Manche' and Son Limited",
Minflok Joseph Psaila Manche .

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi nomine fejn, wara li ppremettew illi:

1. Illi skond kitba tal-erbatax ta' Gunju tal-elf disa' mija u disgħa u tmenin (14.6.1989) is-Soċjeta' attriċi ftehmet mas-Soċjeta' konvenuta u persuni oħra li kienu assoċjati magħhom, ilkoll taħt l-isem "Associated Distributors", dwar il-ħatra ta' dawn tal-aħħar bħala aġenti esklussivi tas-Soċjeta' attriċi għal Malta u Għawdex u kif ukoll għax-xiri mill-Associated Distributors mingħand il-"Gozitano Marketing Company Limited", tal-prodotti ta' din il-Kumpanija (Kopja Dok A);

Illi bis-saħħa ta' dan il-ftehim, il-konvenuti xtraw mingħand din is-soċjeta', kwantita' ta' prodotti tat-tadam li għalihom għadu dovut ħlas ta' sitt elef, mitejn u sitta u għoxrin lira maltija, sebgħa u sittin ċenteżmu u tlett milleżmi (LM 6226.67,3) skond ir-rendikont anness Dok. B.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet – anki permezz ta' ittra uffiċċjali – dan l-ammont baqa' ma tħallasx.

Talbu lill-konvenut nomine jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta debitriċi fil-konfront tas-Soċjeta' attriċi, fl-ammont ta' sitt elef, mitejn u sitta u għoxrin lira Maltija, sebgħa u sittin ċenteżmu u tlett milleżmi (LM 6226.67,3) dovuti kif fuq spjegat.

2. Konsegwentement, tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi din is-somma.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali mibgħuta f'Marzu tal-elf disa' mija u tnejn u disgħin (III.1992) u bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-konsenja sal-ħlas effettiv .

Il-konvenuti huma mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qegħdin jiġu nġunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi nomine kkonfermata bil-ġurament ta' John Xerri.

Rat in-Nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li eċċepixxa illi:

1. l-inkompetenza ta' din il-Qorti stante li s-soċjeta' konvenuta hija soċjeta' Maltia u r-"registered office" tagħha huwa f'Malta u kwindi l-azzjoni odjerna messha ġiet ippreżentata fil-Qorti Superjuri ta' Malta.

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, ma sar ebda ftehim mas-soċjeta' konvenuta u dana kif jirriżulta mill-iskrittura ossia ftehim li ġie esebit mill-atturi stess u kwindi l-konvenut nomine għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż.

3. Illi bla preġudizzju għall-premess, il-merkanzija hekk mibjugħa mill-attur kienet skaduta u ħażina u kwindi m'hemm ebda ammont dovut lill-atturi nomine .

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine, debitament ikkonfermata minnu.

Rat is-sentenza preliminari tagħha ta' l-14 ta' Ottubru 1993 dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Mejju 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-subizzjoni tal-konvenut nomine, wara li ġew ippreżentati kapitoli fil-konfront tiegħu billi dan naqas li jidher għal dik l-udjenza.

Rat l-istess kapitoli, wara li dawn infetħu fl-udjenza sussegwenti tal-15 ta' Gunju 2011, fejn il-konvenut nomine reġa' naqas li jidher.

Rat id-digriet tagħha ta' l-istess ġurnata fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u l-affidavits u dokumenti oħra esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi nomine qed ifittxu li jitħallsu mingħand il-konvenut nomine is-somma ndikata fiċ-ċitazzjoni, rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' prodotti tad-tadam.
Fil-kapitoli għas-subizzjoni tal-konvenut nomine li ġew ippreżentati mill-attur fl-udjenza tad-19 ta' Mejju 2011, u li ġew dikjarati bħala ammessi skond il-liġi fl-udjenza sussegwenti tal-15 ta' Gunju 2011, ingħad illi l-konvenut nomine huwa debitur fil-konfront ta' l-attur nomine fis-somma ta' sitt elef mitejn sitta u għoxrin lira maltija, sebgħa u sittin ċenteżmu u tliet milleżmi (Lm6,226.67,3) ekwivalenti llum għal erbatax-il elf ħames mija u erbgħa euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (EUR 14,504.24), flimkien ma' l-imgħaxijiet kif mitluba fiċ-ċitazzjoni u l-ispejjeż relattivi.

In vista għalhekk ta' din l-ammissjoni, l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. tiddikjara lill-konvenut nomine debtur fil-konfront ta' l-atturi nomine fis-somma ta' sitt elef, mitejn u sitta u għoxrin lira maltija, sebgħa u sittin ċenteżmu u tliet milleżmi (Lm6226.67,3), ekwivalenti llum għal erbatax-il elf ħames mija u erbgħa euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (EUR14,504.24);
2. konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut nomine sabiex iħallas lill-atturi nomine din is-somma.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali mibgħuta f'Marzu 1992 u tas-sentenza preliminari tagħha tat-3 ta' Marzu 1994, u bl-imgħaxijiet skond il-liġi mid-data tal-konsenja sal-ħlas effettiv, kollox kontra l-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------